# PITTURA OĦRA F'BORMLA

## It-Tieni Taqsima

minn Joseph R. Gatt



Bħalma għamilna f'ħarġiet oħra ta' dan il-ktejjeb ser inkomplu nitkellmu dwar aktar pittura li niltaqgħu magħha f'Bormla. Insiru nafuha aħjar, ngħożżuha u ngħadduha lil ta' warajna biex igawduha huma wkoll.

**Id-Domus Piju IX**

Dan id-Domus twaqqaf fl-1926 fi Strada Toro (il-lum Triq il-Gendus), iżda wara li kien iġġarraf fil-gwerra insibuh fi Triq Matty Grima (qabel Strada Buongiorno).

Hawn insibu żewġ kwadri, wieħed ta' Abram Gatt u l-ieħor ta' Ġużeppi Caruana ta' Marċjol. Il-pittura ta' Caruana tiffigura lil Malta rebbieħa.

Il-kwadru li pitter Abram Gatt jurina lil Kristu Re bir-Regalità tiegħu kollha. Xogħol interessanti, sabiħ, iffirmat u d-datat 1928. Dan kien mogħti lid-Domus minn Abram Gatt stess u hu wieħed mill-ftit li ħadem. Hu miżmum b'għożża kbira mill-membri tad-Domus u kien intuża għall-Konsagrazzjoni tad-Dumus fl-1928.

Fl-1990 kien espost fil-'Wirja ta' l-Arti 1890-1960' li kienet saret fil-Kurja ta' l-Arċisqof fil-Furjana fl-okkażjoni tal-miġja f'Malta tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Ritratt tiegħu u ta' l-istatwa ta' San Ġużepp (xogħol ieħor ta' Abram) kienu dehru fil-ktieb 'Sacred Art in Malta 1890-1960' flimkien ma' bijografija qasira dwaru. Kien ukoll espost fil-Wirja li kienet saret f'dan id-Domus mill-Għaqda Soċjo-Kulturali ta' Bormla fl-1980. Dejjem kellu tifħir u apprezzament dan il-kwadru artistiku.

**Il-Każin tal-Banda San Ġorġ**

Il-pittura li niltaqgħu magħha f'dan il-każin turina tliet kwadri kbar xogħol ta' J.B. Spagnol u żewġ kwadi oħra - wieħed impitter minn Ġużeppi Caruana ta' Marcjol u l-ieħor xogħol Dr. Joseph Saliba M.D.

Il-kwadri ta' Spagnol insibuhom iżejnu s-sala l-kbira. Dawn jirrappreżentaw



*Kristu Re pittura ta' l-artist Bormliż Abram Gatt li tinsab fid-Domus Piju IX.*



*Waħda mill-gastri tal-ħajt li għadhom jitgawdew fil-każin - disinn ta' Abram Gatt.*



*Il-kwadri ta' San Ġorġ u l-Gran Mastru.*



*Nikola Cotoner li jżejnu s-sala ewlenija tal-każin, xogħol J.B. Spagnol.*

lil San Ġorġ fuq iż-żiemel jissielet mad-dragun, xogħol li tlesta fl-1959, il-Gran Mastru Nicola Cotoner, (dak li bena s-swar tal-Cottonera) (1960) u Santa Ċeċilja (1961) il-Patruna tal-Mużika.

Il-pittura ta' Gius. Caruana tiffigura lill-Qalb ta' Ġesù - kwadru tajjeb li jinsab fil-kappella. Il-kwadru li ħadem it-tabib Jos. Saliba u li rregalah lill-każin f'għeluq il-125 sena mit-twaqqif tiegħu, (1987) u jurina lill-Kunċizzjoni. Dawn il-kwadru insibuh fl-uffiċċju.

Ma' dawn ix-xogħlijiet, il-Każin għadu jgawdi tmien gastri tal-ħajt il-ġmiel tagħhom, disinn ta' Abram Gatt. Dawn l-ornamenti narawhom iżejnu ż–żewġ naħat tat-taraġ tal-Każin. Kienu saru qabel il-gwerra għall-Każin ta' qabel meta Abram Gatt kien afdat bid-dekorazzjoni tiegħu.

**Il-Mina ta' Santa Liena**

Xi sentejn ilu, din il-Mina li hija l-Bieb prinċipali tas-Swar ta' Firenzuola, ġiet irrestawrata mill-Iskola tal-Bini Ġlormu Cassar biex tawha l-ħajja oriġinali tagħha. Biex ikomplu jżejnuha, tqiegħed fiha kwadru kbir nofs tond li jurina lil San Ġwann Battista qed jagħti l-libsa ta' l-Ordni Ġerosolemitan lil wieħed Kavallier. Fil-kwadru jidhru wkoll il-Bandiera ta' l-Ordni. Jingħad li din il-pittura hija kopja ta' dik li hemm fil-Knisja ta' Sarria fil-Furjana - u li hi xogħol ta' l-iskola ta' Mattia Preti.

A. Ferris isemmi kwadru bħal dan li kien hemm fuq il-bieb prinċipali tal-Knisja ta' San Ġwann t'Għuxa. Tgħid dan il-kwadru tal-Mina huwa l-istess wieħed li jsemmi Ferris? U jekk hu l-istess għax ma jerġax jitqiegħed fil-Knisja? Il-kwadru mhux qed iġarrab ħsara fejn qiegħed? Għalkemm wieħed irid jgħid li l-Mina ssebħet ukoll b'dan il-kwadru.

Ħarġa oħra nitkellmu dwar il-pittura fil-knisja ta' Santa Tereża u Santa Margerita.

**Referenzi**


1. A. Ferria - "Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo" - 1866.
2. G. Calleja - "The Works of Art in the Churches of Malta" - 1881.
3. Malta Karmelitana - Tifkira tas-Seba' Ċentinarju tal-Labtu - sittax ta' Lulju 1251-1951.
4. V. Borg - "Marian Devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1800)" - 1983.
5. M. Buhagiar - "The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 Painting" 1988.
6. G. Gauci - "Sacred Art in Malta 1890-1960" - 1990.